# il-Gżejjer

L-erbatax-il sena

6/85





**Il-Korporazzjoni Enemalta hija parti mis-sinsla ta' l-ekonomija tal-pajjiż għaliex, barra li tieħu ħsieb tiġġenera l-kurrent elettriku u tipprovdi lin-nazzjon bil-prodotti taż-żejt u faħam, l-Enemalta tiġġenera miljuni ta' liri li jitħaddmu f'diversi oqsma tal-pajjiż, toħloq impjiegi lil mijiet ta' ħaddiema u tgħin fl-esportazzjoni ta' prodotti Maltin permezz tar-reċiproċita fil-kummerċ.**

Nhar it-Tlieta 8 ta' Ottubru, l-Kamra tad-Deputati approvat l-Estmi ta' Dħul u Nfieq tal-Korporazzjoni Enemalta għas-sena Finanzjarja — Ottubru 1985/Settembru 1986.

# IL-PRIM MINISTRU IŻUR IL-PROĠETT TA' L-ESTENSJONI TAL-POWER STATION

**Il-Prim Ministru, Dr Karmenu Mifsud Bonnici, dan l-aħħar kien għamel żjara fl-uffiċini tal-Korporazzjoni Enemalta u żar il-proġett ta' l-estensjoni tal-Power Station fil-Marsa.**



**Il-Prim Ministru ġie milqugħ mill-Ministru ta' l-Investimenti Parastatali u tal-Poplu, it-Tabib Philip Muscat, iċ-Chairman tal-Korporazzjoni, is-Sur Frans Carbone u minn uffiċjali oħra. Il-Prim Ministru ġie mdawwar mad-diversi taqsimiet tal-Power Station u żar il-Boiler Nru. 7 kif ukoll ra x-xogħol li bħalissa qiegħed isir fuq il-Boiler Nru. 8 li mistenni jibda jiġġenera l-enerġija s-sena d-dieħla. Dawn iż-żewġ boilers, li jaħdmu kemm bil-faħam kif ukoll biż-żejt, huma parti mill-pjani tal-Korporazzjoni Enemalta biex tintensifika il-progress għal bidla kompleta miż-żejt għall-faħam biex jiġu ffrankati miljuni ta' liri lill-poplu Malti.**

Din is-sena, il-Korporazzjoni Enemalta għalqet 8 snin minn meta ġiet imwaqqfa bl-Att ta' l-1977 sabiex tieħu post dak li qabel kien jissejjaħ il-Malta Electricity Board. Matul dan iż-żmien l-Enemalta daħlet għal responsabiltajiet ġodda fosthom ix-xiri u provvista tal-prodotti taż-żejt li huma tant essenzjali għal pajjiżna

L-intrapriża li kien hemm qabel sabiex tixtri, tbiegħ u tqassam il-prodotti taż-żejt kienet f'idejn il-barrani. L-iskop prinċipali li għalih teżisti l-Enemalta huwa li tkun responsabbli ħalli titqassam l-enerġija li permezz tagħha jridu jaħdmu l-industriji, trid taħdem l-intrapriża tat-turiżmu, u naturalment, għall-użu domestiku varjat u kbir, kif kiber f'dawn l-aħħar snin, inkluż l-elettriku, l-gass, u x-xiri u t-tqassim tal-prodotti tal-pitrolju.

L-Enemalta, speċjalment meta tixtri l-prodotti, tapplika dik li ngħidulha l-'countertrade'. Jiġifieri minflok ma tħallas għal ħafna minn dawn il-prodotti bil-flus, tħallas billi min ikun biegħ lill-Enemalta l-prodotti taż-żejt, jew il-faħam, irid jixtri prodotti Maltin ħalli jikber ix-xogħol ġo pajjiżna. Minbarra li qegħda tissalvagwardja kontra l-għoli fil-prezzijiet ta' l-enerġija, l-Enemalta qed tagħmel ħilitha biex il-prezzijiet li hawn illum ma jogħlewx.

**Il-prezz taż-żejt u l-petrol f'Malta baqa' l-istess għal dawn l-aħħar snin u fl-1983 kien sar roħs fil-prezz ta' l-elettriku. Fl-1979 beda jseħħ ukoll sussidju fuq il-gass. U minbarra li tissussidja sostanzjalment b'miljuni ta' liri l-elettriku u l-gass, mill-profitti li jibqa', jiġu nvestiti f'aktar xogħlijiet ta' żvilupp.**

Il-Budget ta' l-Enemalta għall-1986 ilaħħaq madwar Lm70 miljun f'rikorrenti u kapitali, kważi terz ta' l-estmi ġenerali kollu tal-pajjiż.

## IT-'TURBINES'

Il-Gvern kien ingħata t-'turbines' Nru 5, 6, u 7 mingħajr ħlas mingħand il-Gvern Taljan.

Li kieku dawn it-'turbines' kellhom jinxtraw ġodda l-poplu Malti kien ikollu jħallas għalihom miljuni ta' liri, barra milli kien irid jistenna s-snin biex jitlestew.

**Dawn it-'turbines', wara li sarilhom 'overhaul', u qabel ma bdew jitħaddmu, ġew ċertifikati li huma effiċjenti daqs li kieku kienu ġodda — u dan minn awtoritajiet serji li nġiebu apposta minn barra biex jarawhom.**

Sadanittant qed isir ix-xogħol fuq 'turbine' Nru 8 li nxtara 'second hand' mill-Ingilterra. Kieku dan it-'turbine' kellu jinxtara ġdid kien ikun jiswa Lm7 miljuni — barra milli wieħed kien ikollu jistenna għalih xi 3 snin mill-ordni.

**Dan it-'turbine' Nru 8, meta jibda jaħdem s-sena d-dieħla, huwa stmat li se jiġi jiswa lill-Enemalta mhux iżjed minn Lm2 miljuni.**

**L-Enemalta preżentament għandha talba qawwija għal stallar ta' servizzi ġodda ta' l-elettriku.**

**Is-sena l-oħra, saru aktar minn 4,200 servizz ġdid, biex issa l-ammont totali ta' servizzi fil-gżejjer Maltin tela' għal 154,000.**

## TAQSIMA GASS

L-Enemalta tissussidja l-provvista tal-gass lill-konsumatur. Fuq ċilindru ta'10 kilos tissussidjah 35c, fuq 15-il kilo tissussidjah 53c u għal kull ċilindru ta' 25 kilo, għall-industrija, hemm sussidju ta' 88c.

**In-numru ta' konsumaturi li jużaw il-gass illum laħaq il-100,000. Il-ħażna tal-gass kellha tikber u saret għal 3 xhur sħaħ — 3,000 tunellata gas.**

L-ibbottiljar tal-gass fiċ-ċilindri issa laħaq 50 tunnellata gass kuljum. Fil- futur qarib għandu jiġi stallat impjant modern għall-ibbottiljar tal-gass fiċ-ċilindri. Dan se jżid u jtejjeb sostanzjalment il-produzzjoni u fl-istess ħin inaqqas kemm jista' ikun it-tbatija tal-ħaddiema involuti f'dan ix-xogħol.

## ŻEJT U FAĦAM

L-Enemalta bl-għajnuna tal-Malta Counter Trade diġà frankat ħafna miljuni ta' flus lill-poplu Malti, kemm fuq xiri ta' żejt u anke fuq xiri ta' faħam. Barra minn hekk qed tiġi imħaddma wkoll il-politika ta' reċiproċità. Illum fuq il-faħam għandna 50% tar-'reciprocity'. U fuq il-'crude oil' għandna 100% tar-'reciprocity', barra, naturalment, li l-esperjenza li inkisbet tagħti vantaġġ lil Enemalta ħalli l-prezzijiet teħodhom b'irħis u b'hekk allura tkun qed tiffranka il-flus.

Giet iffurmata l-Ash Company ħalli tkun tista' tutilizza, tbiegħ u tiddisponi mill-irmied li jibqa' mill-faħam li jipproduċu l-boilers tal- faħam. Bħalma jsir f'pajjiżi oħra, inkluż l-Ingilterra, illum hawn min ifittex l-'Ash' ħalli jixtriħ u jużaħ. L-ewwelnett dan jintuża biex jitħallat mas-siment, u b'hekk inkunu nistgħu niffrankaw madwar Lm1 miljun fis-sena billi jnaqqas l-importazzjoni ta' siment. Jista' jintuża wkoll għall-agrikoltura, għall-'bricks' u għas-soqfa meta jsir il-kontrabejt li qabel kien bilfors isir konkos mija fil-mija. L-Enemalta għandha l-majority shares f'din il-kumpannija.

## IL-QTUGĦ TA' DAWL

Huwa obbligu kbir ta' l-Inġiniera li jaraw li il-Power Station tiffunzjona b'effiċjenza. Jaraw ukoll li meta tiġri xi ħsara tissewwa kemm jista' jkun malajr u sewwa ħalli l-qtugħ ma jdumx. L-Enemalta qed tistudja biex tara illi ir-Reverse Osmosis plant tagħtiha priorità u garanzija ta' supply ta' l-elettriku kemm jista' jkun is-sena kollha.

Wieħed irid jifhem wkoll li kibru ħafna 'industrial areas' u, speċjalment 'residential areas' illi jġibu ħafna progress u ħafna installazzjonijiet ta' l-elettriku ġodda — dawk li huma heaters, air-conditioners u washing machines.

**Sar il-maintenance fuq dawk li huma sub-stations, transformers u distribution centres, u żdiedu wkoll il-linji tal-high tension biex jserrħu linji oħrajn ħalli ssir ir-redistribution u titkabbar s-saħħa tal-'high tension'. Ix-xogħol li qed isir huwa tremend u għandu jibda jagħti l-frott tiegħu ma jdumx.**

L-Enemalta preżentament għandha talba qawwija għal stallar ta' servizzi ġodda ta' l-elettriku. Is-sena l-oħra saru aktar minn 4,200 servizz ġdid, biex issa l-ammont totali ta' servizzi tela' għal 154,000 f'Malta u Għawdex; u dan il-fatt meta tikkomparah mal-111,000 servizz li kien hawn fl-1971 mill-ewwel juri x'rata ta' espansjoni kbira mexa biha l-pajjiż matul l-Amministrazzjoni Soċjalista.

Sa Settembru 1984 kien hemm 'waiting list' għal stallazzjonijiet ġodda ta' 2,110 u f'Settembru li għadda din il-'waiting list' niżlet għal 853.

**Fl-ewwel 6 xhur tas-sena finanzjarja li għaddiet iż-żieda fil-konsum ta' l-elettriku uriet żieda ta' 6.6%; u fl-aħħar sitt xhur tas-sena finanżjarja li għalqet f'Settembru 1985 ġiet reġistrata żieda ta' 10%.**

**Fi kliem il-Ministru Muscat il-konsum ta' l-elettriku huwa t-termometru ta' l-iżvilupp tal-pajjiż u din iż-żieda fid-domanda għall-elettriku tindika ċar li Malta ħierġa mir-riċessjoni, u li l-pajjiż issaħħaħ.**

# "NINSEW IL-KONFRONTAZZJONI U NIFTAKRU FIT-TAJJEB LI ĦAREĠ MIT-TWAQQIF TA' L-GĦAQDIET TAL-ĠENITURI FL-ISKEJJEL" – Il-Prim Ministru Dr Karmenu Mifsud Bonnici

Il-Prim Ministru Dr Karmenu Mifsud Bonnici nhar is-Sibt 28 ta' Settembru kellem lill-membri ta' l-Għaqdiet tal-Ġenituri fl-iskejjel tal-Gvern li attendew għall-Konferenza li saret għalihom fil-Liċeo l-Ġdid, fl-Imsida.

Il-Konferenza kienet bdiet il-ġurnata ta' qabel, il-Ġimgħa 27 ta' Settembru u matulha l-ġenituri kellhom l-opportunità li jiddiskutu dwar diversi setturi fil-qasam ta' l-edukazzjoni fl-iskejjel ta' l-Istat.

Fid-diskors tiegħu ta' l-egħluq ta' din il-Konferenza, il-Prim Ministru qal li kien sodisfazzjon kbir għalih li jara li f'din il-konferenza, il-ġenituri kienu kapaċi jżommu interess kontinwu għal jumejn sħaħ fuq suġġett daqshekk vast.

"Sfortunatament" qal il-Prim Ministru, "is-sena li għaddiet tista' tibqa' nfakkra bħala s-sena tal-konfrontazzjoni — sena ta' nuqqas ta' ftehim u diżgwid bejn naħa u oħra fil-qasam ta' l-edukazzjoni.

"Iżda issa nispera li din is-sena tibqa' miktuba fl-istorja ta' l-edukazzjoni f'pajjiżna bħala s-sena tal-koperazzjoni. Għandna ninsew il-konfrontazzjoni u niftakru fit-tajjeb li ħareġ mit-twaqqif ta' l-Għaqdiet tal-Ġenituri fl-iskejjel ta' l-Istat.

**"Il-kritika tal-ġenituri hija importanti għaliex mihiex motivata minn skopijiet ta' kritika mhux ġenwina, iżda għaliex hija mqanqla minn ħeġġa li taraw l-affarijiet jitjiebu u jirranġaw. Nammettu li hemm diffikultajiet u difetti fl-iskejjel tagħna li jistgħu jirranġaw. Iżda llum aktar minn qabel nafu f'liema stat huma l-iskejjel tal-poplu.**

"Hemm numru kbir minnhom li jinsabu fi stat tajjeb u hemm bżonn kbir li nenfasizzaw x'inhuma l-affarijiet tajbin u sbieħ fl-iskejjel tagħna. Meta wieħed iqabbel l-istat tat-tagħlim f'pajjiżna, insibu li dan jikkompara tajjeb ma' dak f'pajjiżi oħra. Dan jidher mir-riżultati miksuba mill-istudenti tagħna fl-eżamijiet tal-G.C.E. Dan anke l-istess barranin stqarrewh".



**Il-Prim Ministru Dr Karmenu Mifsud Bonnici waqt li kellem lill-Membri tal-Għaqdiet tal-Ġenituri.**

Waqt li kompla enfasizza li jridu jiġu rranġati dawk l-affarijiet li huma ħżiena huwa qal li l-iskejjel, bl-attivitajiet tagħhom iridu jsiru ċentri għall-komunità ħalli jkompli jitqanqal l-interess fost il-ġenituri li forsi għad m'għandhomx dak l-interess fl-iskejjel ta' wliedhom. **"Ma nistgħux iżda li waqt li nkunu qed nagħmlu dan infallu imbagħad fit-tagħlim u l-edukazzjoni tat-tfal. Għalhekk jinħtieġ li nikkonċentraw l-ewwel fuq l-għan tagħna, li nagħtu l-aħjar edukazzjoni possibbli lit-tfal kollha".**

Il-Prim Ministru saħaq imbagħad fuq il-koperazzjoni tal-ġenituri mal-kapijiet u l-għalliema tal-iskejjel ħalli l-iskejjel jimxu 'il quddiem.

"Irridu nibqgħu niġġieldu ħalli nġibu dil-koperazzjoni. Nafu li l-parti l-kbira tal-għalliema jridu jikkoperaw għax b'hekk ix-xogħol tagħhom isir faċli u jagħti aktar frott. Ikunu boloh dawn jekk jinjoraw u jirrfjutaw il-koperazzjoni tal-ġenituri."

Meta tkellem dwar il-fondi li kellhom il-P.T.A.'s ta' qabel, il-Prim Ministru qal li dawn il-flus issa jridu jgħaddu taħt il-kontroll tal-għaqdiet tal-Ġenituri preżenti.

Lejn tmiem id-diskors tiegħu, il-Prim Ministru fisser bħala minjiera ta' riżorsi li nstabet fil-ġenituri permezz ta' dawn l-għaqdiet, u radd ħajr lill-P.T.A.'s ta' qabel li ħadmu u ffunzjonaw. Huwa stqarr

li t-twaqqif tal-Għaqdiet tal-Ġenituri m'għandux jitqies bħala xi vot ta' sfiduċja f'dak kollu li għamlu l-P.T.A.'s.

Fl-aħħar huwa radd ħajr ukoll lill-organizzaturi ta' din il-konferenza, lill-uffiċjali tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u b'mod partikulari lil-ġenituri kollha li attendew għaliex kif qal hu, dak li għamlu l-ġenituri mhux biss għamluh għall-ġid ta' wliedhom imma wkoll qed jassiguraw ġejjieni aħjar għal pajjiżna milli huwa llum.

**"Ikun żbaljat min jinsa jew jinjora jew iwarrab dawn il-forzi kbar li għandna moħbija fil-ġenituri li lesti biex jagħtu s-servizz tagħhom biex itejbu l-edukazzjoni fl-iskejjel tagħna. Minn issa bi ħsiebni niddikjara li l-għajnuna tagħkom jien napprezzaha, l-għajnuna tagħkom bi ħsiebni nużaha u bl-għajnuna tagħkom bi ħsiebni nkomplu mmexxu l-iskejjel dejjem 'il quddiem għall-ġid ta' uliedkom u għall-ġid tal-pajjiż".**

## LAQGHA GHALL-KUMITATI TA' L-GHAQDIET TAL-ĠENITURI GHAWDXIN

Nhar it-Tlieta 8 ta' Ottubru 1985, l-Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni għal Għawdex, Monsinjur Anton Gauci, flimkien ma' l-Uffiċjal Edukattiv għal Għawdex, is-Sur Frans Mercieca, indirizzaw lill-Kumitati ta' l-Għaqdiet tal-Ġenituri Għawdxin kif ukoll lill-kapijiet ta' l-Iskejjel Sekondarji, Primarji, Tekniċi u tas-Snajja' f'Għawdex. Din l-ewwel laqgħa għall-Kumitati ta' l-Għaqdiet tal-Ġenituri saret fis-Sala tal-Liċeo, fir-Rabat, Għawdex.

Iż-żewġ kelliema tkellmu dwar ix-xogħol u l-koperazzjoni bejn il-Kumitati ta' l-Għaqdiet tal-Ġenituri u l-kapijiet ta' l-iskejjel. Mons Gauci tkellem dwar ir-regolamenti tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u qal li l-Kumitati għandhom jimxu ma' dawn ir-regolamenti. Mons Gauci qal li għal futur hemm il-ħsieb li matul is-sena skolastika, minbarra l-'parents day', ikun hemm aktar kuntatti mill-viċin bejn il-kumitati, il-ġenituri u l-għalliema ta' l-iskejjel. Il-kelliemi qal ukoll illi d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni lest jilqa' kull suġġeriment li jsir mill-membri ta' l-għaqdiet tal-ġenituri.

Is-Sur Frans Mercieca imbagħad, tkellem, fost oħrajn dwar l-elezzjonijiet tal-Kumitati ta' l-Għaqdiet tal-Ġenituri. Huwa qal illi f'Għawdex, dawn kienu suċċess fejn il-figura ta' 47 fil-mija kienet figura tajba bħala bidu. Fl-aħħarnett huwa qal illi dan jawgura tajjeb mhux biss bħala skejjel Għawdxin imma bħala poplu inġenerali li jieħu parti fl-amministrazzjoni edukattiva tal-pajjiż.

# Titjib fis-Servizzi tas-Saħħa f'Għawdex

Nhar l-Erbgħa 9 ta' Ottubru fil-Kamra tar-Rappreżentanti saret seduta oħra tal-Kumitat tal-Parlament dwar Għawdex.

Din is-Seduta kienet dwar il-Ministeru tas-Saħħa u l-Ambjent. Iż-żewġ Deputati preżenti, s-Sur Lino Debono u s-Sur Carmel Buttiġieġ għamlu diversi mistoqsijiet u suġġerimenti lill-Ministru tas-Saħħa l-Onor Vincent Moran dwar il-ħidma fil qasam tas-saħħa fil-Gżira Għawdxija.

Il-Ministru Moran qal li l-Gvern ma jagħmel l-ebda distinzjoni bejn Malta u Għawdex fejn jidħlu servizzi u faċilitajiet li huwa jipprovdi lill-poplu — u dan b'mod speċjali fil-qasam tas-Saħħa.

L-estmi li jsiru biex jitjiebu u jitkabbru dawn is-servizzi u faċilitajiet jsiru għaż-żewġ Gżejjer flimkien.

Il-Ministru Moran kompla jgħid li però jeżistu karatteristiċi u problemi speċifiċi għaż-żewġ Gżejjer; u kien għalhekk li kienu qed isiru dawn il-laqgħat, biex jiġu diskussi dawk l-affarijiet l-aktar essenzjali għall-gżira Għawdxija partikolari; u kull membru tal-Kumitat ikun jista' jagħti l-fehmiet tiegħu dwar kif l-affarijiet jistgħu jitjiebu u jagħmel ukoll kritika kostruttiva.

It-Tabib Moran spjega li s-servizzi u faċilitajiet mogħtija mill-Isptar Craig m'humiex iżolati għalihom weħidhom iżda huma **marbuta** u **komplimentari** għas-servizzi u faċilitajiet li jingħataw mill-Isptar San Luqa f'Malta.

Huwa kompla jgħid li fil-waqt li ma jridx jgħid li m'hemmx lok ta' titjib u tkabbir fis-servizzi mediċi fl-isptar ta' Għawdex, wieħed għandu jkollu sodisfazzjon kbir li qed jingħata s-servizz u li qed ikunu provduti l-faċilitajiet li preżentament jeżistu f'Għawdex.

Waqt li stieden lill-membri tal-Kumitat tal-Parlament dwar Għawdex biex jgħidu s-suġġerimenti u l-fehmiet tagħhom dwar kif il-faċilitajiet li jeżistu jistgħu jitjiebu u jiżdiedu, il-Ministru Moran qal li huwa kien konvint li kienet tingħata kontribuzzjoni siewja għal Għawdex u l-Għawdxin li kieku attendew id-Deputati Nazzjonalisti Għawdxin. Bħal fil-każ tad-Deputati Laburisti Għawdxin, wieħed kien ikun jista' jistudja l-possibilitajiet u jiġu attwati s-suġġerimenti li setgħu jsiru mid-Deputati Nazzjonalisti Għawdxin.

**Dr Moran kompla jgħid li diġà ħarġu l-offerti biex jinxtara 'Laparscope' u ntalbu li specifications biex jinxtara 'portable incubator' bħal ma jeżistu f'Malta li bħalissa qed jintuża wkoll għal Għawdex.**

**Id-Deputat is-Sur Carmelo Buttiġieġ staqsa dwar l-isptar mentali tax-Xewkija u issuġġerixxa li tinbena sala u jitkabbar il-ġnien li hemm wara l-isptar. Huwa ilmenta mill-fatt li l-ikel f'dan l-isptar qed jasal kiesaħ u mhux ikun tajjeb kif jixraq.**

**Dr Moran wieġeb li d-Dipartiment għadu kif kiseb 'slanting trollies' moderni bil-heater li se jibdew jintużaw għall-isptar mentali tax-Xewkija.**

**Huwa kompla jgħid li diġà saru diskussjonijiet mal-Kumitat tal-Welfare ta' dan l-isptar biex issir sala u l-art li hemm wara dan l-isptar tiġi żviluppata fi ġnien mill-Ministeru tal-Biedja.**

**ĊENTRU RESIDENZJALI GĦAX-XJUĦ**

Is-Sur Debono hawnhekk staqsa jekk hux possibbli li f'Għawdex bħal isir ċentru residenzjali għax-xjuħ bħal ma hu Ħaż-Żmien.

Il-Ministru wieġeb li diġà hemm il-ħsieb li biċċa art wara l-Isptar Craig tinbena f'appartamenti għal koppji anzjani. Huwa qal li dan isir jekk id-dipartiment jara li jkun hemm domanda minn koppji anzjani Għawdxin.

Is-Sur Buttiġieġ staqsa jekk hux possibbli li f'Għawdex jinbidlu l-'mini-buses' li għandu d-dipartiment.

Dr Moran wieġeb li waħda mill-'mini-buses' li ngħataw mill-Kanada qed tintuża f'Għawdex ukoll.

**TRASPORT BIL-HELIKOPTER**

Meta tkellem dwar is-servizzi u l-faċilitajiet li introduċa l-Gvern Laburista f'Għawdex, is-Sur Lino Debono semma' li kien Gvern Laburista li kien beda jipprovdi servizz ta' trasport permezz ta' ħelikopter u patrol boats għal każijiet ta' emerġenza fejn pazjenti Għawdxin ikollhom bżonn kura intensiva f'Malta.

Huwa staqsa dwar il-possibbiltajiet li jeżistu biex il-ħelikopter li jintuża għal dan is-servizz jibda jinżel l-isptar San Luqa direttament billi tiġi provduta 'landing path'.

**Il-Ministru Moran qal li dan is-servizz intuża diversi drabi u bis-saħħa tiegħu f'ħafna mill-każijiet serva biex ġiet salvata l-ħajja tal-pazjenti. Min-naħa tiegħu, il-Gvern qed jagħmel dak kollu possibbli biex din il-faċilità ssir aktar viċin l-Isptar San Luqa jekk mhux fl-isptar innifsu.**

Id-Deputat Laburista s-Sur Carmel Buttiġieġ tkellem dwar il-konsulenti u speċjalisti li jitilgħu Għawdex.

It-Tabib Prinċipali tal-Gvern Dr Alfred Grech qal li suppost li d-direttiva li hemm dwar dawn qed tiġi osservata. Huwa qal li minbarra l-ispeċjalisti residenti, hemm ukoll oħrajn li jitilgħu kull ġimgħa jew ġimgħatejn.

Qal ukoll li tkun ħaġa tajba li l-appuntamenti jsiru bil-ħinijiet bħal ma qed isr f'Malta.

Il-Ministru tas-Saħħa kompla jgħid li huwa prinċipju fl-isptarijiet li ebda pazjent ma hu ta' xi professur partikolari għalkemm huwa mixtieq li tabib li jibda pazjent ikompli jsegwih hu. Huwa qal li se jittieħdu passi biex is-sessjonijiet fid-dipartiment ta' l-''Out-Patients'' isiru regolarment u dan japplika wkoll għas-'selective operations' sessions.

Hawnhekk il-Ministru ħabbar li f'qasir żmien kien se jimtela l-post ta' kirurgu għal Għawdex u anke se jintlew vakanzi oħra meħtieġa.

Id-Deputat Laburista s-Sur Lino Debono tkellem dwar il-ħtieġa ta' tagħmir fl-Isptar Craig fosthom, 'ultra-sound', 'cardiac topographer', Portable incubator', l-'air conditioning' fit-taqsima tal-qalb, fannijiet tas-soqfa u anke dwar il-ħtieġa ta' linja telefonika diretta bejn l-Isptar Craig u dak ta' Malta, u anke mat-Task Force.

**Il-Prim Ministru Dr Karmenu Mifsud Bonniċi tkellem fl-għeluq tad-diskussjoni u wieġeb għall-mistoqsijiet li kienu saru fl-aħħar seduta dwar Għawdex u anke għal xi mistoqsijiet li saru f'din is-seduta.**

Huwa qal li is-suġġeriment li sar mid-Deputat Laburista s-Sur

Lino Debono, biex ikun hemm xarabank li tieħu ħaddiema Għawdxin miċ-Ċirkewwa sal-postijiet tax-xogħol rispettivi tagħhom se jintlaqa'. Huwa qal li se jara li l-Bord tal-Kontroll tat-Traffiku jiddiskuti kif dan isir l-aħjar.

Dwar mistoqsijiet u suġġerimenti li saru mid-Deputati Laburisti fl-aħħar seduta dwar Għawdex, il-Prim Ministru qal li kien sar suġġeriment dwar il-ħinijiet tal-ħwienet bil-lejl u dwar dan qal li se jsiru arranġamenti biex tal-ħwienet fil-liċenzja jsemmu l-ħin li jridu huma.

Huwa kompla jgħid li dwar it-trasport f'Għawdex, saret talba mill-Gvern lill-Bord tal-Kontroll tat-Traffiku biex jara x'titjib jista' jsir fit-trasport f'Għawdex. Huwa stqarr ukoll li s-sinjali tat-traffiku li hemm neqsin f'Għawdex se jsiru.

Il-Prim Ministru hawnhekk wieġeb għal mistoqsija oħra li kienet saret dwar il-jottijiet li jridu jibqgħu Għawdex wara nżul ix-xemx. Il-Prim Ministru qal li qed isiru taħditiet mat-Task Force biex jekk ikun possibbli jottijiet ikunu jistgħu jibqgħu Għawdex u f'postijiet oħra f'Malta, li s'issa huma projbiti għal bil-lejl.

Dwar il-possibiltà ta' tinda għall-passiġġieri fil-moll ta' l-Imġarr, Il-Prim Ministru qal li ngħata parir li ħaġa bħal din tkerrah. Huwa iżda talab lid-Deputati għal Għawdex biex jgħidulu l-kummenti tagħhom dwar dan.

Il-Prim Ministru hawnhekk ħabbar li t-talba li saret biex fix-Xewkija tiftaħ fergħa ta' bank ġiet milqugħa.

**Huwa fl-aħħarnett ħabbar li l-Gvern diġà qed jara x'postijiet għandu biex ikun jista' jibdilhom f'"hostels" għall-ħaddiema Għawdxin li jaħdmu Malta.**

# Il-Ġlieda Kontra D-Drogi

## — ġlieda li trid issir u tintrebaħ, mill-Gvern u l-poplu Malti kollu.



Il-Ministru tas-Saħħa t-Tabib V. Moran

**Nhar l-Erbgħa, 23 ta' Ottubru, fid-diskors ta' l-egħluq tad-Dibattitu dwar l-Abbozz ta' Liġi li tikkontrolla t-traffikar tad-drogi f'Malta, il-Ministru tas-Saħħa t-Tabib Ċensu Moran iddikjara li l-Gvern u l-Poplu jinsabu lesti għall-ġlieda kontra t-traffikanti tad-droga.**

Huwa qal li din hija ġlieda li trid issir u li trid tintrebaħ mill-Gvern u l-poplu Malti kollu.

Il-Ministru Moran qal li huwa jagħti importanza kbira lill-edukazzjoni bħala mezz fil-ġlieda kontra d-droga. Iżda, fil-każ tat-traffikant, (dak li jmexxi u jbiegħ id-droga) l-edukazzjoni ma tidħolx għax it-traffikant ikun jaf x'qiegħed jagħmel u jaf ukoll bil-ħsara li tkun qed issir fost iż-żgħażagħ. Hawn ta' min isemmi li ħafna drabi t-traffikant tant ikun jaf bil-ħsara li d-drogi inisslu illi hu stess ma jeħodhomx!

**Il-Ministru qal li waqt id-dibattitu kien hemm membri tal-Parlament li ma qablux mal-pieni ħorox kontemplati f'din il-Liġi. Iżda dawn il-pieni, huma kemm huma ħorox, kien hemm bżonnhom għaliex, kif kienu qabel, ma kienux ta' deterrent biżżejjed.**

Flimkien ma pieni ta' ħabs u multi għoljin il-Liġi l-ġdida tipprovdi wkoll għas-sekwestru tal-proprjeta immobbli li tinstab li kienet qed tintuża għat-traffikar tad-drogi. It-Tabib Moran qal li din il-parti tal-piena 'l quddiem il-Gvern jista' jħarraxha.

Huwa qal li l-pieni kontra t-traffikar tad-drogi għandhom ikunu bħal dawk applikabbli għal min jagħmel l-agħar delitt, li huwa l-qtil.

**"Anzi jien ngħid li t-traffikant ikun qed jikkommetti delitt agħar minn qattiel għaliex bid-drogi ikun qiegħed joqtol ħafna nies f'daqqa."**

It-Tabib Moran qal li l-pieni stabbiliti mill-Liġi għandhom żewġ għanijiet. Wieħed biex min ikun se jibda jittraffika jaħsibha darbtejn, u l-ieħor biex, min jinqabad, iservi ta' lezzjoni.

Il-Ministru wera li huwa sodisfatt li tad-Dwana u l-Pulizija qed jagħmlu ħilithom kollha biex l-eroina u l-kokaina ma jitħallewx jidħlu Malta.

Rigward il-ħaxixa, t-Tabib Moran qal li din hija l-agħar droga għaliex, minbarra li din tista' titkabbar faċilment f'Malta, min jeħodha jasal li jkun irid drogi iżjed qawwija u b'hekk ikompli jirvina ruħu.



# "L-ewwel konsiderazzjoni tal-Gvern kienet dejjem li l-mara tad-dar issib tixtri dak li tinħtieġ bi prezzijiet xierqa"

Il-Ministru tal-Kummerċ u Ippjanar Ekonomiku s-Sur Lino Spiteri.

**Nhar il-Ħadd 20 ta' Ottubru, l-Ministru tal-Kummerċ u Ippjanar Ekonomiku, s-Sur Lino Spiteri kellem lill-dawk kollha li għandhom x'jaqsmu mad-distribuzzjoni u l-bejgħ tal-frott u l-patata. Dawn huma siltiet mid-diskors tiegħu:**

Il-Gvern Soċjalista jaħdem kontinwament sabiex il-pajjiż ikun fornut regolarment bl-oġġetti essenzjali — **u li jkunu dejjem ta' l-aħjar kwalità u bl-orħos prezzijiet possibbli.** Iżda min-naħa l-oħra l-Gvern irid jara li jkun hemm kontroll sabiex il-prezzijiet jinżammu **baxxi** u fejn hu possibbli anke jorħsu.

Kien għal dan il-għan li l-Gvern waqqaf it-**Taqsima tal-Bulk Buying** — tax-Xiri bil-Kwantità — ifformata bejn il-Gvern u n-negozjanti, l-importaturi ta' dawn l-oġġetti essenzjali.

Minbarra hekk il-Gvern ħatar għadd ta' **Bordijiet** dwar diversi prodotti u dawn, minkejja xi diffikultajiet, qegħdin jaħdmu tajjeb b'kordinazzjoni sħiħa mad-Dipartiment tal-Kummerċ.

Naturalment mhux kulħadd jaqbel ma' din is-sistema introdotta mill-Gvern Soċjalista. Imma din is-sistema l-Gvern daħħalha mhux kappriċċjożament **imma għax iħoss li fiċ-ċirkostanzi din hija l-aħjar sistema illi hu bħalha Gvern jista' jimplimenta sabiex ikun jista' jinqeda l-poplu — jiġifieri il-konsumatur,** li hu primarjament il-mara tad-dar li din trid tmur tixtri l-affarijiet essenzjali, l-affarijiet ta' l-ikel, għaliha u għal familja tagħha.

Naturalment din is-sistema li ħoloq il-Gvern, bħal kull ħaġa oħra, minn żmien għal żmien tiffaċja ċerti diffikultajiet. U dawn id-diffikultajiet **l-iżjed li jinqalgħu hu proprju fix-xiri u l-bejgħ tal-frott u l-patata.**

Jinqgħalu dawn id-diffikultajiet, l-ewwel net għaliex aħna, għalkemm ġewwa Malta u Għawdex inkabbru kemm frott u kemm patata, iżda ma nistgħux inkabbru biżżejjed li nlaħħqu mal-ħtiġiet tagħna. M'għandniex art u ħamrija biżżejjed, u allura ma nistgħux nipproduċu biżżejjed biex nitimgħu lilna nfusna u lit-turisti li jiġu jżuruna. **Għalhekk jkollna nimportaw minn barra kemm il-frott u kemm il-patata.**

**Iżda mill-banda l-oħra, lill-bdiewa tagħna li jgħixu minn dak li tisa' tipproduċi l-art, irridu nħarsulhom ħobżhom. Irridu naraw li l-prodott tagħhom jinbiegħ kollu bi prezzijiet xierqa. U fl-istess ħin irridu naraw li ma tiżviluppax xi skarsezza ta' ċerti prodotti!** U hawn tidħol l-ewwel problema dwar il-provvista tal-frott u l-patata.

Għax il-Gvern permess tat-Taqsima tal-Bulk Buying ikun irid jiddeċiedi li jimporta b'mod illi l-prodotti lokali ma jkunux laħqu ixxottaw tant li jġiegħlu l-prezzijiet jisplodu 'l fuq. U fl-istess ħin jekk wieħed jimporta iżżejjed u malajr wisq, dak li jkollhom il-bdiewa jista' jintrema. **Din hija problema li hawn Malta jrid iħabbat wiċċu magħha kull xorta ta' Gvern — m'hix xi problema ta' Gvern Soċjalista biss — u tajjeb li din wieħed jifhimha.**

**It-tieni problema tirrigwarda l-fatt illi l-Gvern, meta jkun irid jixtri minn barra minn Malta jkollu jiffaċja ħafna diffikultajiet.**

**Bħala eżempju; s-sena l-oħra kien hemm ħafna tempesti ma' l-Ewropa kollha u ħafna wċuħ inqerdu. Eżempju ieħor hu rigward ix-xiri tal-banana: ma kienx hawn banana dan l-aħħar sempliċiment għarraġuni li ma kienx hawn provvista ta' banana fl-Ewropa.** Il-banana titla' fl-Ewropa mill-Amerika t'Isfel f'kunsinji enormi ta' eluf ta' tunnellati u li minnhom imbagħad hawn Malta nixtru kemm nikkonsmaw — xi 500 tunnellata biss. Jiġifieri jekk il-banana għal xi raġuni ma titlax fl-Ewropa m'hemmx mod ieħor kif tista' din il-frotta tinġieb Malta.

Allura r-raġuni hi li mhux il-Gvern ma riedx jixtri l-banana u ħafna għidut foloz oħra. **Il-Gvern qatt ma jaqbillu li l-poplu iħallih igerger,** għax apparti l-voti fl-elezzjoni, huwa ċertament irid jamministra tajjeb,

b'mod serju u li jaqdi lill-poplu l-ħin kollu bl-aħjar mezz possibili.

## IL-PRICE STABILISATION FUND

Hawn xi sezzjoni tal-pubbliku li ssostni li l-Gvern ma jġibx ċerti oġġetti essenzjali minħabba li jkunu għoljin fil-prezz.

**Fejn jidħlu affarijiet essenzjali l-prezz qatt ma kien konsiderazzjoni.** Fis-sens illi l-Gvern, għalkemm jipprova dejjem iġib l-aħjar prezz possibbli, meta ma jsibx bi prezz irħis, jew bil-prezz li jrid hu, dan xorta jixtri u mbagħad jissussidja mill-flus tal-Price Stabilisation Fund.

Hawn ta' min ifakkar minn fejn jiġu l-flus tal-Price Stabilisation Fund. Meta t-Taqsima tal-Bulk Buying jirnexxilha tixtri bi prezzijiet orħos min-normal, **il-flus iffrankati jmorru f'fondi għalihom imsejjaħ il-Price Stabilisation Fund.** Dan il-Fund jagħti l-kontribut tiegħu għall-prodotti tal-Bulk Buying u anke għal prodotti oħra kif rajna f'diversi Budgets.

Il-Gvern qed jagħmel minn kollox sabiex is-sistema ma tkunx riġida iżda tkun waħda flessibbli kemm jista' ikun. Per eżempju jekk ikun hemm xi ħadd li jindika xi produttur barra minn Malta, il-Gvern lest li jikkonsidrah. Il-Gvern ma jridx però li tidħol is-sistema ta' l-aġenti imma jrid li hu jikkuntattja direttament lill-produtturi.

Minkejja l-problemi kollha tas-sistema tal-Bulk Buying, hawn Malta imxejna 'il quddiem. **U qatt ma mxejna tajjeb daqs din is-sena!**

## IL-PATATA

Minkejja l-pariri li ngħatawlu dan l-aħħar, (li kien hawn patata biżżejjed), il-Gvern ordna il-patata minn barra u din waslet fil-ħin u hi ta' kwalità tajba.

Il-Gvern ġab ukoll kwantità kbira ta' larinġ. U rigward it-tuffieħ il-Gvern ġab kunsinji adekwati mill-Italja u minn Franza.

L-ewwel kunsiderazzjoni kienet dejjem li l-konsumatur — il-mara tad-dar — **isibu jixtru li jinħtieġu bi prezzijiet xierqa; u li min ibiegħ ikollu l-profitt xieraq tiegħu wkoll.**

Għal dan il-għan il-Gvern ħoloq id-difensuri tax-Xerrejja. Dawn iridu jagħmlu dmirhom sew għax lill-Gvern qed iqumulu ħafna eluf ta' liri. U l-Gvern ifisser min qed iħallas it-taxxi. **Id-Difensuri tax-Xerrejja qegħdin hemm ħalli jaraw illi l-prezzijiet fil-ħwienet ikunu l-prezzijiet xierqa stabbiliti mill-Gvern.** Liema prezzijiet jipprovdu għal profitt xieraq lil kull min ikun qiegħed jipparteċipa fis-sistema tad-distribuzzjoni u bejgħ.

Din is-sena, meta tikkunsidra kollox ma kollox, inkluż iċ-ċirkostanzi favorevoli tan-natura, wieħed jista' jgħid li kien hawn provvista adekwata ta' kollox. Kollox daħal jew dieħel; fis-sens li patata tista' timporta 1100 tunnellata kif il-Gvern ġab, u b'hekk tilqa' għal domanda ta' ċertu tul ta' żmien. Imma l-banana, peress li tmur malajr, l-iżjed li tista' timporta hu 600 tunnellata kull darba. It-tuffieħ mill-banda l-oħra ma ssibx min jibgħatlek kemm trid — allura bilfors trid iġġib kunsinni relattivament żgħar, — apparti li dan ukoll jista' jitħassar jekk tħallih ħafna. **Madankollu t-tuffieħ ukoll qed jidħol fil-'containers' ġimgħa wara ġimgħa regolarment.**

Minkejja dan kollu, minkejja din l-kwantitià ta' provvisti ta' frott u patata, il-mara tad-dar qegħda tħabbat wiċċa ma' problemi meta tmur tixtri. Ċerti affarijiet jew mhux qegħdha issibhom, jew jekk issibhom tal-ħanut joqgħod jagħtiha ftit ftit biex qisu jagħmlilha pjaċir jew inkella qed iġiegħlha li ma dak li trid tixri tiehu xi oġġetti oħra. U, minbarra hekk, **ċerti affarijiet qed jinbiegħu ħafna ogħla mill-prezz stabbilit mid-Dipartiment tal-Kummerċ.**

Il-mara tad-dar, li bilfors trid tixtri l-ikel, li bilfors trid taħseb għal familja, **qed tiġi misruqa u ingannata minkejja dak kollu li l-Gvern għamel u qed jagħmel għaliha. U dan, il-Gvern determinat li ma jħallihx sejjer.** L-interess tal-konsumatur irid jieħu ħsiebu sewwa l-Gvern u ħadd aktar! Il-fatt hu li hemm l-affarijiet li qegħdin jinħbew. U wieħed qed iwaħħal fl-ieħor. Tal-ħanut, r-'retailer', iwaħħal fil-'wholesaler' u dan iwaħħal fid-distributuri.

Għalhekk il-Gvern hu determinat li jieħu passi kontra min qed jabbuża. Id-Dipartiment tal-Kummerċ huwa wieħed mid-Dipartimenti illi jrid jagħti l-kunsens tiegħu sabiex tkun tista' toħroġ 'trading licence'. **U fejn ikun hemm każi ċari ta' abbuż it-'trading licence' se tiġi irtirata!**

Il-parti l-kbira tal-bejjiegħa huma nies onesti — qed iħabbtu wiċċhom għall-għixien bħal ma' qed iħabbtu kulħadd. U l-profitti tagħħom lanqas huma kbar. L-importanti hu li l-bejjiegħ tal-ħanut ibiegħ kemm jista' jkun u li jattira klijenti ġodda permezz ta' l-indafa, u permezz tal-varjetà ta' oġġetti li jkollu għal bejgħ. Jekk jagħmel dawn iż-żewġ affarijiet ċertament ma jkollux għalfejn joqgħod iħabbel moħħu kif se jisraq lil ħadd għax ċertament **ikollu qliegħ biżżejjed u onest.**

Id-Difensuri tax-Xerrejja jridu jibdew jagħmlu dmirhom aħjar u jirrapportaw lil min jabbuża, għax b'hekk ikunu qed jipproteġu mhux biss lill-konsumatur, lill-mara tad-dar, imma jkunu qed jipproteġu lill-parti l-kbira tal-bejjiegħa stess. **Għaliex il-parti l-kbira huma nies onesti.**

Il-Gvern jixtieq li s-sistema li biha hu miexi bħalissa tibqa' — imma fuq kundizzjoni li din tibda taħdem aħjar u **mingħajr abbużi!**

**Fuq kollox il-Gvern f'dak li għamel u li se jagħmel ifittex l-aħjar interess tal-konsumatur Malti.**

# L-IKEL U S-SAĦĦA

## Kul aħjar — onfoq bil-għaqal



**Nhar is-16 ta' Ottubru 1985 kien iċċelebrat il-JUM DINJI TA' L-IKEL. Għal din l-okkażjoni il-Ministeru tal-Biedja u Sajd stampa fuljett li jinkludi għadd ta' pariri siewja dwar is-Saħħa u l-Ikel li nieħdu :**

Oqgħod attent li l-flus tonfoqhom fl-ikel bnin u sustanzjuż u li allura jservi ta' ġid għal saħħtek.

Meta tixtri ikel bnin, tkun qiegħed tgħin sabiex tgħix f'saħħtek inti u l-familja tiegħek.

Drawwiet ħżiena fl-ikel u xorb li nieħdu jistgħu jkunu l-kawża ta' ħafna mard bħal dak tal-qalb, ċirkolazzjoni, diabete, 'stress', snien imħassra u ħxuna żejda.

Daħħal id-drawwa li l-ikel li tiekol ikun varjat kemm jista' jkun; uża l-moderazzjoni u qatt tmur fl-eseġerat; u barra minn hekk uża bilanċ fl-ikel. Daħħ fissens ta' proporzjon bejn ikel b'ħafna proteini, (laħam, ħut, tiġieġ, eċċ.); ikel b'ħafna karboidrati (ħobż, għaġin, ċereali tal 'breakfast', patata u ross eċċ.) u ikel b'ħafna grass (butir, marġerina, żejt, eċċ.).

Qatt ma smajt li l-ħxuna żejda jew piż żejjed jista' jkun il-kaġun ta' ħafna mard?

### IKEL VARJAT

Mhux bilfors li biex tvarja fl-ikel trid tonfoq iżjed, basta tippjana bil-quddiem. Importanti li tiekol ikel varjat minn kull grupp li ser insemmu :

**Grupp I** Il-porzjon tiegħek ta' ħalib jew prodotti tal-ħalib. L-aħjar dawk bi ftit grass.

✡ ✡ ✡

**Grupp II** L-ammont neċessarju ta' lamptu: ħobs, għaġin, ross, patata, ċereali tal-'breakfast', ful (niexef), favetta eċċ.

L-aħjar li tagħżel ikel li fih ħafna 'fibre' bħal dqiq 'whole wheat', ħobż ismar, ross ismar, 'all bran'.

✡ ✡ ✡

**Grupp III** Il-Porzjon li għandek bżonn ta' laħam, ħut, tiġieġ, bajd eċċ. Kemm jista' jkun agħżel laħam bi ftit grass. Tieħux iżjed minn 3 sa 4 bajdiet fil-ġimgħa.

✡ ✡ ✡

**Grupp IV** Fl-aħħar iżda mhux inqas importanti nsibu l-frott u ħxejjex. Dan hu ikel b'ħafna vitamini u minerali iżda bi ftit enerġija u ma jħaxxinx.

Jekk inti tkun qiegħed tagħmel dan, tkun qiegħed tiżgura lilek innifsek u lill-familja aktar minn 50 nutrienti neċessarji għal saħħtek kuljum.

### XORB ALKOHOLIKU

Oqgħod attent meta tiġi biex tixtri xorb alkoholiku bħal spirti, birra, nbid u likuri. Ftakar li ħafna minn dan qatt ma hu tajjeb għal saħħtek barra li l-ispiża tista' tlaħħaq ammont kbir.

Aħseb ukoll biex tevita ikel imsajjar b'ħafna grass, kif ukoll xi deserta' b'ħafna grass u zokkor. Frotta friska tista' tkun l-aħjar deserta.

Hafna minna l-adulti qegħdi nieħdu enerġija (kaloriji) żejda — iżjed milli għandna bżonn. Din l-enerġija żejda tista' tkun evitata billi tnaqqas mill-grass u żjut tal-ikel. Il-moderazzjoni f'dan irrigward tista' tfisser billi tnaqqas ħafna mill-ikel moqli fiż-żejt kif ukoll ikel b'ħafna xaħam bħal 'hamburgers', zalzett, pastizzi eċċ.

Hafna awtoritajiet dwar is-saħħa jaqblu li wieħed jikkonsma zokkor aktar milli jkollu bżonn.

Għax ma tipprovax inti ukoll li tnaqqas iz-zokkor mill-ikel, billi tevita ikel żejjed ta' pasti, ħelu, xorb li jkun fih iz-zokkor, eċċ? Tagħmel tajjeb li tara li wliedek ma jaħlux flushom fuq il-ħlewiet.

Ta' min ikun jaf, u hemm bżonn li tidħol id-drawwa, illi frotta jew "fruit juice" mingħajr zokkor, huma aktar ta' nutriment milli wieħed jiekol il-ħelu jew jixrob "soft drink". Terġa' tgħid dawn ta' l-ewwel huma bil-wisq irħas.

Jista' jkun li ħafna minna nieħdu ħafna melħ; iżjed milli għandna bżonn. Dan nużawh fil-borma, fuq il-mejda; jew insibuh diġa fl-ikel. Jagħmel ħafna sens li nużaw inqas melħ u dan igħin sabiex nikkontrollaw il-pressjoni għolja.

Agħmel bilanċ bejn dik l-enerġija/kaloriji li takkwista mill-ikel u xorb li tieħu, u bejn dik l-enerġija li taħli fl-attività fiżika .... u dan biex tikkontrolla l-piż żejjed.

"Meal plan", imfassal għalina personali huwa aħjar milli ssegwi xi dieta li tista' tkun perikoluża biex tnaqqas jew iżżid fil-piż.

Jekk inti tiżen iżjed milli suppost, għandhek tlett toroq x'tagħżel —

i. Li tagħżel iżjed ikel bi ftit enerġija (bi ftit kaloriji); frott, ħxejjex;

ii. Li żżid fl-attività fiżika; jew

iii. L-aħjar li tagħmel mit-tnejn.

Ta' minn jammira l-ħafna Maltin li diġà għamlu xi bidliet fid-drawwit ta' l-ikel tagħhom .... qegħdin jieklu inqas zokkor, iżjed frott u ħxejjex, naqqsu mill-ikel b'ħafna grass u żejt ta' l-ikel. Waqfu milli jieħdu spirti jew alkoħol. Waqfu mit-tipjip u żiedu fl-attivita fiżika. Għalfejn? Sabiex inaqqsu mil-ħxuna żejda li forsi diġà teżisti, biex iħossuhom aħjar jew biex jevitaw ħafna mard.

**Ibda aħseb fl-ikel li qiegħed tiekol. Aħseb sewwa fuq x'inhuma l-bżonnijiet tiegħek. Onfoq il-flus bil-għaqal biex tiekol aħjar.**

# KAMPANJA FL-ISKEJJEL DWAR IL-KONSUM TAL-ĦELU

Il-Ministeru tas-Saħħa flimkien mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni bdew kampanja fl-iskejjel immirata lejn it-tfal sabiex dawn inaqqsu il-konsum tal-ħelu u minflok dawn jibdew jieklu ikel sustanzjuż li jipproteġilhom saħħithom u kif ukoll dik tas-snien u l-ħniek tagħhom.

Dan tħabbar mill-Ministru tas-Saħħa t-Tabib C. Moran fi tweġiba għal Mistoqsija Parlamentari. Huwa qal li l-Ministeru għandu riżultati ta' studji xjentifiċi magħmulin minn żmien għal żmien minn għalliema fl-Università u Konsulenti fid-Dipartiment tas-Saħħa li fuqhom seta' jibbaża din il-kampanja.

Sadanittant qed jitħejja studju nazzjonali tal-problema li se jitwettaq fix-xhur li ġejjin. Il-Ministeru tas-Saħħa għadu kemm stampa 'pamphlet' dwar il-kura tas-snien li qed jitqassam fl-iskejjel.

☐ ☐ ☐

## TAQSIMA 'NUTRITION' TAD-DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA

Id-Dipartiment tas-Saħħa waqqaf it-Taqsima tan-'Nutrition', sabiex tingħaqad mat-taqsimiet l-oħra u li flimkien ser iwasslu għall-għan tal-'Health for All' sa qabel is-sena 2000.

L-għan ta' din it-taqsima huwa li tiżviluppa u timplementa prinċipji ġodda fuq in-'nutrition'. L-aħħar rapport ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, ikkonfermat illi l-Maltin jieklu ikel li ma jagħmilx ġid għal saħħithom. Għalhekk ser tkun l-aktar ħaġa mportanti għal din it-taqsima li tipprova tirranġa l-ikel li qed jieklu l-Maltin billi tedukahom fuq il-valuri ta' l-ikel.

Mill-pariri li din it-Taqsima tagħti, il-poplu Malti jista' jsir jaf jagħżel aħjar x'ikel għandu jiekol sabiex b'hekk jiżviluppa u jkattar l-aħjar saħħa mentali u fiżika, kif ukoll ikabbar ir-reżistenza tiegħu kontra l-mard. B'għażla ta' ikel aktar nutrittiv il-proċess tax-xjuħija ser ukoll jiġi mnaqqas u b'hekk il-poplu Malti ser ikun jista' jgħix aktar u f'saħħa aħjar.

Din it-taqsima, jisimha "Nutrition Unit of the Department of Health", u qed taħdem mill-Poliklinika tal-Furjana.

# Numru rekord ta' tfal jattendu ċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa

**Fl-istadium tal-Marsa nhar is-Sibt 5 ta' Ottubru 1985 sar il-ftuh ufficjali għall-istaġun 1985/86 taċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa mill-Ministru tax-Xogħlijiet, Djar u Sport, l-Onor. Lorry Sant.**

**Għal din iċ-ċerimonja kulurita u mimlija attivita' attendew mijjiet ta' tfal flimkien mal-ġenituri tagħhom.**

Ta min jinnota li din is-sena ġie reġistrat numru rekord ta' tfal. Madwar 2,500 applikaw sabiex jissieħbu fid-diversi dixxiplini sportivi mgħallma fiċ-Ċentru.

Għal din l-okkażjoni ġie mtella' programm varjat li kien jinkludi marċ mill-Pom Pom Girls, kant mill-Warda Kanta, żfin minn koppja Ngliża u esebizzjoni mill-klieb tal-Pulizija.

Il-programm beda b'display mill-Model Aircraft Association fejn ġew imtajra diversi mudelli ta' ajruplani. Wara sar 'march-past' mit-tfal kollha li applikaw biex jissieħbu fiċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa mmexxija mill-Pom Pom Girls. It-tfal imxew wara 'placard' skond l-isport li huma għażlu.

Wara sar diskors mill-Ministru Sant fejn wera s-sodisfazzjon tiegħu li numru hekk kbir ta' tfal applikaw sabiex jidħlu fiċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa. Huwa qal li dan huwa l-frott ta' ħidma kontinwa li ilha ssir għal dawn l-aħħar snin.

**Il-Ministru Sant kompla jgħid li l-Gvern Soċjalista ħa bis-serjetà l-iżvilupp ta' l-isport f'pajjiżna billi bena diversi faċilitajiet sportivi bħalma huma l-Istadium Nazzjonali f'Ta' Qali, il-Korsa taż-Żwiemel fil-Marsa u numru kbir ta' pitches tal-boċċi f'kull belt u raħal.**



Il-Ministru Sant iqassam iċ-ċertifikati u l-badges.

Il-Ministru kompla jgħid li din il-ħidma se tkompli u fil-preżent il-Ministeru qed jieħu ħsieb il-bini ta' kumpless sportiv f'Kordin u l-bini ta' pixxina tal-waterpolo f'Wied il-Għajn. Dawn il-proġetti mistennija li jkunu lesti lejn tmiem din is-sena.

Il-Ministru Sant qal li qed isiru kuntatti ma' diversi pajjiżi ħbieb ta' Malta, fosthom anke dawk membri tal-Kunsill ta' l-Ewropa, sabiex jinġiebu coaches kwalifikati biex jagħtu diversi korsijiet kemm għall-coaches kif ukoll għat-tfal. Huwa kompla billi nkoraġġixxa lill-ġenituri tat-tfal sabiex huma wkoll jgħinu fit-tmexxija tad-diversi sezzjonijiet taċ-Ċentru u jipparteċipaw dejjem aktar fl-isport.

Il-Ministru Sant irringrazzja lil dawk kollha li ħadu sehem f'dan il-programm varjat. Il-Ministru ħa din l-okkażjoni sabiex jirringrazzja wkoll lil dawk il-coaches, għaqdiet u assoċjazzjonijiet li fl-ingħoddi taw u għadhom qed jagħtu l-għajnuna tagħhm fit-tmexxija taċ-Ċentru.

**Wara l-Ministru Sant flimkien mal-mara tiegħu, is-Sinjura Carmen Sant qassmu ċertifikati, badges u kotba lil dawk it-tfal kollha li għaddew b'suċċess mill-kors tagħhom fil-football, ġinnastika, tennis u judo.**

# PIETRU CAXARU – magħruf li kien l-ewwel wieħed li kiteb xogħol letterarju bil-Malti

Pietru Caxaru, iben Ljuni, Malti, u Zuna, kien joqgħod l-Imdina. Dwar it-trobbija tiegħu ma nstab xejn, iżda nafu li fl-1 ta' April tas-sena 1438 laħaq nutar pubbliku għall-gżejjer ta' Malta u Għawdex, wara li għamel l-eżami f'Palermo.

Xahrejn wara li laħaq nutar, Pietru Caxaru ngħata l-uffiċċju ta' mħallef fil-gżira ta' Għawdex għas-snin 1440–41. Fl-1441 għamilha ta' mħallef f'Malta f'kopja uffiċjali tal-privileġġ tas-sena 1350 li bih Malta ngħaqdet ma' l-artijiet tad-demanju tar-Re ta' Sqallija. Wettaq l-istess uffiċċju fl-1475.

F'bosta snin oħra Pietru Caxaru kien ukoll mħallef fil-Qrati tal-Gvern kif ukoll fil-Qrati ta' l-Isqof. Hafna drabi nħatar ġurat ta' Malta. Kien nutar jew segretarju tal-Ġemgħa (Kunsill) tal-belt ta' l-Imdina.

Sa fejn hu magħruf, Pietru Caxaru baqa' għażeb tul ħajtu kollha. Mdaħħal fiż-żmien, hu għamel l-aħħar testment tiegħu fit-12 ta' Awissu tas-sena 1485, fejn ħalla lid-Dumnikani tar-Rabat bħala werrieta universali tiegħu. Fil-31 ta' l-istess xahar u sena kien diġà mejjet. Ġie midfun fil-kappella li waqqaf fil-Knisja tal-Madonna tal-Għar tad-Dumnikani tar-Rabat.

Barra mill-ħidma kbira li wettaq fl-amministrazzjoni tal-gżira ta' Malta, Pietru Caxaru jibqa' jissemma bħala l-ewwel wieħed li kiteb xogħol letterarju bil-Malti. Waħda mill-poeżiji li kiteb — imsejħa **Cantilena** minn qaribu n-nutar Brandanu Caxaru — ħelset il-qirda taż-żmien, instabet fl-1966 minn Dr G. Wettinger u P. M. Fsadni li dwarha xandru studju bl-Ingliż u, dan l-aħħar, bil-Malti bl-isem **L-Għanja ta' Pietru Caxaru – Poeżija bil-Malti medjevali.**

Il-**Cantilena** jew **L-Għanja ta' Pietru Caxaru** hi dwar kif id-dar, li l-poeta kien ilu jibni, iġġarrfitlu għax kienet mibnija fuq it-tafal. B'dan kollu ma kellux jaqta' jiesu: jerġa' jibniha band'oħra fuq art tajba u xortih tinbidel. Jidher sew li l-Għanja għandha tifsira allegorika. Id-dar li ġibitlu daqshekk niket bit-tiġrif tagħha setgħet kienet tixbieha ta' xi xewqa li sfatlu fix-xejn fil-ħajja pubblika jew privata tiegħu.

N.B. – Dan it-tagħrif fil-qosor hu miġbur mill-ktieb **L-Għanja ta' Pietru Caxaru – Poeżija bil-Malti Medjevali** miktub minn Dr G. Wettinger u M. Fsadni, O.P.

**L-għanja ta' Pietru Caxaru — Poeżija bil-Malti medjevali**



# IL-ĠLIEDA GĦALL-GĦIXIEN

1

## Daħla

Il- problemi ekonomiċi li ffaċċjaw il-Maltin meta ġew biex jibnu Malta Ġdida kienu l-wirt ta' sekli ta' dominazzjoni barranija li kienu wasslu biex l-għixien tal-poplu Malti ġie marbut ħaġa waħda mal-preżenza fostna ta' ħakkiema barranin. Il-ġlieda għall-għixien, il-ġlieda tal-Maltin biex l-għixien tagħhom ma jibqax iżjed marbut mal-ħtiġijiet tal-barrani, speċjalment mal-ħtiġijiet militari, għalhekk ma tistax tinfired mill-ġlieda politika għall-ħelsien nazzjonali u mill-ġlieda tal-kotra għall-ħelsien mill-jasar tal-faqar u l-inċertezza.

Qabel ma ġew il-Kavallieri, hawn Malta kien hawn popolazzjoni ta' xi 20,000 ruħ, igħixu l-biċċa l-kbira mill-art li kienu jaħdmu u minn ftit xogħol ta' manifattura, l-iżjed fil-qoton, li kienu jesportaw. Ir-riżorsi naturali ta' Malta kienu kemm kemm biżżejjed biex igħajxu lil dawn in-nies, u diġà ħafna mill-qamħ u ċertu ikel kellu jiġi mpurtat minn Sqallija. Meta ġiet Malta l-Ordni ta' San Ġwann fl-1530 il-mod tax-xogħol u ta' l-għixien tan-nies ta' dawn il-gżejjer malajr ħa xejra oħra u bil-mod il-mod l-ekonomija tal-pajjiż bdiet tintrabat mal-ħtiġijiet tal-qawwa barranija li waqqfet darha hawnhekk.

## Malta Fortizza

Meta l-Imperatur Karlu V ta' Spanja ta lil Malta f'idejn il-Kavallieri kellu l-iskop li dawn jiżviluppawha bħala bażi għad-difiża ta' l-imperu, speċjalment Sqallija, kontra l-Misilmin. L-Ordni ta' San Ġwann kellha ħafna proprjetà mxerrda ma' l-Ewropa u d-dħul minn din il-proprjetà kien intenzjonat biex jiffinanzja l-Kruċjati, li issa kien għadda żmienhom, u biex jiffinanzja operazzjonijiet militari fid-difiża tal-punent Nisrani. Fi kważi tlett sekli li għamlet hawn, l-Ordni nefqet kapital kbir fuq swar u fortifikazzjonijiet, bliet ġodda, palazzi u kastelli biex tlaħħaq sew mad-dmirijiet militari tagħha, kif ukoll mal-ħtiġijiet li jista' jkollha għaqda li kienet tiġbor fiha l-fjur ta' l-aristokrazija Ewropeja.

Dawn il-ħtiġijiet kbar ta' l-Ordni ħolqu f'dawn il-gżejjer domanda għal ċertu xogħol li ma kinitx teżisti qabel. Ħolqu wkoll provvista ta' flus barranin, flus li kienu jinġabru mill-proprjetà ta' l-Ordni fl-Ewropa, biex iħallsu għal dan ix-xogħol u għas-servizzi l-oħra li l-kavallieri kellom bżonn mingħand il-Maltin. B'hekk twaqqfu s-sisien ta' ekonomija artifiċjali bbażata mhux fuq il-ħtiġijiet u r-riżorsi tan-nies tal-gżejjer, iżda fuq il-ħtiġijiet u r-riżorsi tal-ħakkiema barranin. Beda fil-ħajja ekonomika ta' Malta l-infiq militari fuq skala kbira (swar, torrijiet, tiswijiet ta' bċejjeċ tal-baħar eċċ.) Żviluppat l-industrija tas-servizzi, jiġifieri li l-Maltin jitħallsu mhux tant għall-manifattura li jipproduċu daqs kemm għas-servizzi li jipprovdu (bini, tiswijiet, servitù, eċċ.) lill-barrani. Għalhekk, il-Maltin ma kinux jesportaw il-prodott tagħhom, iżda 'jesportaw' is-servizzi, fis-sens li dan ix-sogħol kienu 'jbigħuh' lill-ħakkiema barranin u tiegħu jitħallsu bi flus ġejjin minn barra li bihom imbagħad kienu jixtru ikel u ħwejjeġ oħra li iżjed u iżjed kellhom jimpurtaw minn barra. Ftit, ftit, l-għixien ta' ħafna Maltin ġie marbut ħaġa waħda mal-ħtiġijiet, kapitali u prodotti barranin.

Il-ħtiġijiet wiesa' tal-qawwa barranija (l-Ordni), u allura l-provvista ta' mpjiegi għall-Maltin, kellha bħala riżultat it-tkattir bil-goff tal-popolazzjoni ta' dawn il-gżejjer, tant li matul il-ħakma ta' l-Ordni l-popolazzjoni kibret ħames darbiet dak li kienet fil-bidu. B'hekk, issa żgur li l-Maltin ma setgħux igħixu biss mill-ġid ta' l-art u ġew jiddependu wisq mhux biss mill-ħila u s-snajja tagħhom, iżda fuq li xi ħadd barrani jkollu l-ħtieġa tax-xogħol u s-servizzi tagħhom.

l-industrija u s-snajja' spandew biss f'dawk l-oqsma fejn kienu jservu lill-ħtiġijiet ta' l-Ordni, eżempju, fil-qasam tal-bini, tiswija u bini ta' vapuri, u xogħol konness, bħal dak tal-kurdara. Il-manifattura għall-esportazzjoni baqgħet lura. L-industrija tal-qoton, industrija antika ħafna kompliet tiffjorixxi għax kienet taqdi ħafna ħtiġijiet lokali u ta' l-Ordni.

Qasam ta' attività ekonomika li żviluppa kien dak tal-kummerċ, l-aktar minħabba li diversi ħwejjeġ ta' ħtieġa għall-Ordni (injam, ħwejjeġ ta' lussu, eċċ.)ma kienux jinstabu Malta u għax it-tkattir tal-popolazzjoni żied ħafna l-importazzjoni ta' ħwejjeġ essenzjali, iżda anki għax l-Ordni kienet qawwa marittima u dan iffaċilita l-iżvilupp ta' Malta bħala bażi kummerċjali.

**L-Għixien taħt l-Ingliżi**

Il-miġja ta' l-Ingliżi kompliet saħħet u żviluppat din it-tifsila ta' l-ekonomija ta' pajjiżna. L-Ingilterra kienet l-aqwa qawwa navali fid-dinja u kellha imperu kbir imxerred mad-dinja kollha. F'Malta, l-Ingliżi ma rawx kolonja sinjura fil-materja prima, jew xi suq kbir għall-produzzjoni industrijali tagħhom. Raw gżira f'nofs il-Mediterran, b'portijiet tajbin għall-flotta qawwija tagħhom, diġà attrezzati b'bidu ta' faċilitajiet għat-tiswija tal-vapuri, u raw gżira f'qagħda eċċellenti fuq ir-rotta kummerċjali lejn il-Lvant. Militarment u kummerċjalment Malta kellha qagħda strateġika idejali għall-ħtiġijiet ta' l-Ingilterra.

Għalkemm pajjiż sinjur, l-Ingilterra ma nvestietx f'Malta s-somom kbar li kienet investiet l-Ordni. Iżda xorta waħda l-flus barranin baqgħu deħlin f'Malta mod ieħor. Il-preżenza ta' gwarniġjon Ingliż kbir, li ġieli laħaq 20,000 ruħ, weħedha kienet isservi ta' provvista importanti ta' flus barranin li kienu jidħlu Malta permezz ta' nfiq personali (bħalma llum għandna dak tat-turisti).

Il-kummerċ kompla ħa spinta kbira ferm taħt l-Ingliżi. L-attivita kummerċjali kienet tgawdi l-protezzjoni ta' l-aqwa qawwa navali fid-dinja. Il-portijiet Maltin saru ċentru ta' attività bil-kummerċ, l-aktar Ingliż, li kien igħaddi minn Malta jew għall-pajjiżi tal-Mediterran jew għal pajjiżi oħra mbiegħda. Mill-kummerċ żviluppaw servizzi oħra, bħat-trasbord u xogħol tal-faħam għall-vapuri. Eluf ta' ħaddiema Maltin intefgħu fuq dan ix-xogħol. Hawnhekk ukoll il-Maltin kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom billi jagħtu servizz lill-kummerċ ta' l-Imperu Ingliż, u b'hekk kompliet żviluppat din il-fonti l-oħra ta' dħul ta' flus barranin.

L-importazzjoni ta' oġġetti għall-użu lokali kompliet żdiedet ukoll maż-żieda fil-popolazzjoni, li ttripplat fi żmien l-Ingliżi, tant li ras għal ras nofs id-dħul kollu tal-gvern Ingliż f'Malta kien jiġi mid-dazju fuq l-importazzjoni. Il-komunità tan-negozjanti Maltin kibret u stagħniet għax il-kummerċ, bil-qligħ li kien fih, kien jattira flus ta' kull min kellu l-kapital x'jinvesti. Ir-riżultat kien li l-kapitalisti Maltin ma fittxux li jinvestu flushom fl-industrija tal-manifattura, la għall-esportazzjoni u lanqas biex taqdi s-suq lokali (u b'hekk ittaffi l-importazzjoni).

Fuq dan kollu, il-ħtiġijiet militari ta' l-Ingilterra wasslu biex ġew żviluppati faċilitajiet militari estensivi, l-aktar fil-qasam ta' tiswijiet ta' vapuri biex tinqeda l-flotta. Dan ġab lil ħafna ħaddiema Maltin fuq dan ix-xogħol bir-riżultat li ħafna ħaddiema ġew jiddependu għall-għixien tagħhom fuq il-ħtieġa militari tal-barrani. B'hekk it-tarzna saret l-akbar industrija li qatt kellha Malta.



**Vapuri tal-gwerra fil-Port il-Kbir — il-Maltin ma kellhom ebda kontroll fuq dak li fuqu kien jiddependi l-għixien tagħhom**

# LEJN SOLUZZJONI TAL-PROBLEMA TAD-DISTRIBUZZJONI TA' L-ILMA

**Nhar it-Tnejn 4 ta' Novembru il-Ministru tax-Xogħlijiet, Djar u Sport is-Sur Lorry Sant ħabbar li se jsiru x-xogħlijiet meħtieġa biex tiġi irranġata l-problema tad-distribuzzjoni ta' l-ilma.**

Il-Ministru Sant ħabbar dan waqt li kellem lill-ewwel grupp ta' membri ġodda tad-Dejma li ġew assenjati mad-Dipartiment ta' l-Ilma biex jagħmlu dan ix-xogħol partikulari.

Il-Ministru ħeġġeġ lil dawn il-ħaddiema biex jagħmlu ħilithom kollha ħalli dan ix-xogħol isir bl-aħjar mod possibbli. Hu għarrafhom li se tingħata 'allowance' lil min juri li jaf xi sengħa partikolari li tista' tintuża fuq dan ix-xogħol. Hu wiegħed ukoll li dawk li juru progress fuq xogħolhom se jingħataw preferenza meta tinħoloq xi opportunità ta' mpieg permanenti mad-Dipartiment.

Il-Ministru Sant qal li huwa ittamat li sas-sajf li ġej se tkun solvuta din il-problema tad-distribuzzjoni ta' l-ilma. Huwa qal li, però, it-tqegħid ta' kanen ġodda nhux is-soluzzjoni aħħarija għaliex magħha jrid ikun hemm ukoll żieda fil-produzzjoni u l-ħażna ta' l-ilma. U ċertament li l-Gvern qed jieħu ħsieb li jkun hawn dawn ukoll!

Għal dan il-għan it-tqegħid ta' kanen ġodda se jibda jsir fil-bankini ma' kull naħa tat-triq minflok kanna waħda f'nofs it-triq. B'hekk, meta jkun hemm ħsara ma jkunx hemm għalfejn titħaffer it-triq kollha. Minbarra hekk, il-kanen fil-bankini jkunu jistgħu jitqegħdu fi trinek baxxi u dawn allura jkun faċli li jinkixfu meta jkun hemm xi bżonn.

Fattur ieħor importanti huwa li b'din is-sistema ġdida ta' tqegħid ta' kanen fil-bankini, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet issa jista jiksi t-toroq mill-ewwel bit-tarmak mingħajr ma joqgħod jistenna li jkun sar ix-xogħol tat-tqegħid tal-kanen.

Sadanittant ingħata bidu għax-xogħol tat-tqegħid tal-kanen ġodda f'Tas-Sliema u fil-Belt Valletta.



Ix-xogħol ta' tqegħid ta' kanen ġodda fil-Belt ........



...... u f'Tas-Sliema

Ippubblikat mit-Taqsima tat-Tagħrif — Stampat fl-Istamperija tal-Gvern